

I

(Atti leġislattivi)

BAĠITS

IL-PARLAMENT EWROPEW

ADOZZJONI DEFINITTIVA

tal-baġit ta' emenda Nru 5 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011

(2011/840/UE, Euratom)

IL-PRESIDENT TAL-PARLAMENT EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikoli 314(4)(c) u 314(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011, kif adottat b'mod definittiv fil-15 ta' Diċembru 2010 ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ⁽³⁾,

Wara li kkunsidra l-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 5 għall-baġit ġenerali għall-2011, imħejji mill-Kummissjoni fit-22 ta' Ġunju 2011,

Wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 5/2011, li l-Kunsill adotta fit-12 ta' Settembru 2011,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjoni adottata mill-Parlament fil-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 5/2011,

Wara li kkunsidra l-emenda adottata mill-Parlament fil-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 5/2011,

Wara li kkunsidra l-ittra mibgħuta mill-President tal-Kunsill fit-28 ta' Ottubru 2011 bl-informazzjoni li l-Kunsill approva l-emenda tal-Parlament,

Wara li kkunsidra l-Artikoli 75b u 75e tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew,

⁽¹⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 68, 15.3.2011.

⁽³⁾ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

JIDDIKJARA LI:

Artikolu Uniku

Il-proċedura prevista fl-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tlestiet u l-baġit ta' emenda Nru 5 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011 ġie adottat b'mod definittiv.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Ottubru 2011.

Il-President
J. BUZEK

BAĠIT TA' EMENDA Nru 5 GĦAS-SENA FINANZJARJA 2011**WERREJ**

Pàġna

DIKJARAZZJONI ĠENERALI TAD-DĦUL

C. Il-Persunal	5
----------------------	---

C. IL-PERSUNAL

Taqsim X — Servizz Ewropew tal-Azzjoni Esterna

Grupp ta' funzjoni u grad	Servizz Ewropew tal-Azzjoni Esterna					
	2011		Baġit Emendatorju Nru 5		2011	
	Awtorizzati skont il-baġit tal-UE		Emendi għall-pjan ta' stabbiliment awtorizzat		Pjan ta' stabbiliment emendat	
	Karigi permanenti	Karigi temporanji	Karigi permanenti	Karigi temporanji	Karigi permanenti	Karigi temporanji
AD 16	12		– 3		9	
AD 15	38		– 6		32	
AD 14	68	2	11	– 1	79	1
AD 13	156	1	3		159	1
AD 12	235	8	16	– 8	251	
AD 11	71		5		76	
AD 10	75	7	3	– 7	78	
AD 9	61	23	8	– 23	69	
AD 8	36		– 1		35	
AD 7	55		7		62	
AD 6	30		– 1		29	
AD 5	41	1	– 2	– 1	39	
Total AD	878	42	40	– 40	918	2
AST 11	18				18	
AST 10	18				18	
AST 9	53		4		57	
AST 8	39	1	6		45	1
AST 7	97		1		98	
AST 6	106				106	
AST 5	123		– 8		115	
AST 4	83				83	
AST 3	40				40	
AST 2	73				73	
AST 1	72		– 3		69	
Total AST	722	1	0	0	722	1
It-total ta' kollox	1 600 ⁽¹⁾	43	40	– 40	1 640 ⁽¹⁾	3
Persunal totali	1 643		0		1 643	

⁽¹⁾ Li minnhom sitt promozzjonijiet *ad personam*: żewġ AD 15 isiru AD16, tliet AD 14 isiru AD15 u AD 13 wieħed isir AD 14.